# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**ILLUM IT-28 TA' NOVEMBRU 2019**

**Kawza Numru:4**

**Rik. Gur. 1100/2019 RGM**

**John sive Juanito Pullicino u**

**Martu Maria Anna Pullicno**

**vs.**

**M & V Food and Beverages**

**Imports Ltd. (C53102) u**

**Salvinu u Antoinette**

**konjugi Micallef**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

Rat ir-**rikors guramentat ta' John sive Juanito Pullicino u martu Maria Anna Pullicno** prezentat fit-2 ta' Novembru, 2018 li permezz tieghu ippremettew u talbu s-segwenti:

Illi r-rikorrenti kienu daħlu fi ftehim ta' self mas-soċjetá intimata għas-somma ta' tmenin elf Ewro (€80,000), għal-liema self, l-intimati oħra dehru bħala garanti u dan kif jirrizulta mill-annessa skrittura datata 8 ta' Lulju 2013 (Dok A).

Illi minn din is-somma għad fadal bilanċ sostanzjali u dan kif sejjer jirriżulta waqt is-smiegħ u trattazzjoni ta' din il-kawża.

Illi apparti minn hekk, is-soċjetá intimata hija debitriċi tar-rikorrenti f'somma bilanċjali oħra rappresentanti flus avvanzati mir-rikorrenti lill-intimati sabiex jiġu utilizzati għall-importazzjoni ta' merċa, liema importazzjoni ma saritx pero s-somma baqgħat għand is-soċjetá intimata.

Illi għalkemm, l-intimati kollha ġew interpellati sabiex iħallsu dak kollhu dovut, anke permezz ta' ittra uffiċjali 2200/2015, huma baqgħu inadempjenti. Kopja informali qed tigi esebita bhala Dok B.

Illi għalhekk, r-rikorrenti filwaqt li jiddikjaraw li jafu b'dawn il-fatti personalment, jiddikjaraw li ġew kostretti jinizjaw dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

Tiddikjara li l-intimata huma, solidalment bejniethom, debituri tar-rikorrenti f'ammont bilanċjali skond skrittura privata datata 8 ta' Lulju 2013 iffirmata quddiem in-Nutar Dr. Marthese Felice, is-socjeta' intimata bhala d-debitur principali u l-intimati konjugi Micallef bhala garanti;

Tiddikjara li s-soċjetá intimata hija wkoll debtriċi tar-rikorrenti f'somma bilanċjali oħra rappresentanti flus avvanzati mir-rikorrenti lill-socjeta' intimata liema somma kellha tiġu utilizzata għal-importazzjoni ta' merċa, liema importazzjoni ma sehhitx pero s-somma baqgħat għand is-soċjetá intimata;

Tillikwida s-somma dovuta mill-intimati jew min minnhom ai fini tal-ewwel zewg talbiet;

Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;

U dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali nru: 2200/2015, l-imgħax skond il-liġi u l-intimati nġunti in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma pprezentawx risposta guramentata u ghalhekk jinsabu kontumaci.

Rat il-provi mressqa mill-atturi.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi.**

Permezz ta' affidavitipprezentat fit-18 ta' Marzu 2019 l-attur John Pullicino xhed illi lill-konvenut u lil huh Joseph Micallef kien ilu jafhom is-snin. Il-konvenut u dan huh kienu fethu kumpanija flimkien li hija s-socjeta' konvenuta. Spjega li kien jixtri minghandhom merci ghall-hanut tax-xorb u restaurant li kien dak iz-zmien jiggestixxi.

F'okkazzjoni minnhom il-konvenut Saviour Micallef kien iproponilu illi jaghmlu negozju flimkien billi jimportaw konsenja ta' cafe'. Ftehmu u l-attur kien hallas is-somma ta' ebgha u ghoxrien elf u disa' mitt dollaru Amerikan (US$ 24,900). L-ordni kienet saret f'isem is-socjeta' konvenuta filwaqt li l-attur ghamel il-pagament direttament lis-socjeta' estera Lelex Ltd f'Cipru fit-18 ta' Jannar 2013. In sostenn ta' dan l-attur ezebixxa kopja tad-dokumenti bankarji relattivi ghat-trasferiment fl-esteru ta' dawn il-flus kif ukoll tad-destinatarju.

Xhed illi xi zmien wara il-konvenut kien informah li l-flus kien ser igibhom lura ghaliex l-ordni ma kienx ghamilha peress li iltaqa' ma' xi problemi. F'dik l-okkazzjoni il-konvenut kien staqsa lill-attur jekk kienx interessat li jaghmel negozju iehor flimkien mieghu pero' l-attur jghid li ma accettax u li talbu l-flus lura.

Kompla jixhed hekk: "Imbaghad talabni nghinu f'xi haga ohra tal-flus biex ikabbar in-negozju u talabni nisilfu €80,000 ohra. L-attur accetta u kien ghalhekk li marru ghand in-Nutar Dr Marthese Felice u kien mar ukoll hu l-konvenut. L-attur ezebixxa kopja tal-iskrittura ta' self datata 8 ta' Lulju 2013 minn fejn jirrizulta li l-attur silef lis-socjeta' konvenuta is-somma ta' €80,000 filwaqt li l-konvenuti dahlu garanti ghar-restituzzjoni lura tas-somma mislufa. Dik is-somma kellha tigi mhallsa lura sa mhux aktar tard mill-15 ta' Settembru 2013. Iddikjaraw ukoll illi fis-somma ta' €80,000 hemm l-imghax inkluz izda ma giex specifikat kemm minnhom kien imghax.

Jghid illi ghadda z-zmien miftiehem u l-konvenuti ma hallsu xejn mis-somma mislufa. Xhed illi l-konvenuti kienu dejjem jghidulu sabiex itihom ftit aktar zmien. Bghatilhom ittri bl-avukat u anke ittra ufficjali u bdew ihallsu pagamenti li pero' l-attur hass li b'dawk ir-rati ta' pagamenti il-hlas ghas-saldu kien ser jiehu hafna zmien. Mill-atti jirrizulta illi fis-16 ta' Gunju 2015 l-atturi pprezentaw ittra ufficjali nru 2200/2015 kontra l-konvenuti fejn gew interpellati sabiex ihallsu s-somma ta' €80,000 skond skrittura ta' self tat-8 ta' Lulju 2013 kif ukoll is-somma ta' US$ 24,912.81 ekwivalenti ghal €22,100.91 fuq imsemmija. Il-konvenuti kienu cemplulu ftit wara u bdew ihallsu pagamenti ta' €3,000 fix-xahar. Wara seba' xhur ra li b'dawk il-pagamenti mensili kien ser idum hafna ma jigbor flusu u ghalhekk qalilhom sabiex minflok joqghod imur ghall-hlas darba fix-xahar igemmghuhom u jghadduhomlu f'daqqa. Wara xi zmien hallsuh is-somma ta' €25,000 f'daqqa. Meta ra li ghadda zmien mhux hazin u ma hallsu xejn l-attur mar ghand l-Avukat tal-fiducja tieghu li bghat ittra fis-16 ta' Ottubru 2018 lill-konvenuti b'interpellazzjoni identika ghal dik tal-ittra ufficjalitas-16 ta' Gunju 2015, ghalkemm ex admissis kienu saru diversi pagamenti fil-frattemp.

Peress li s-somma ta' €80,000 baqghet ma thallsitx l-atturi intavolaw il-kawza odjerna fit-2 ta' Novembru 2018 flimkien ma' mandat ta' inibizzjoni.

Meta l-konvenuti gew notifikati bl-atti gudizzjarji ikkomunikaw mal-attur u iltaqghu ghand l-Avukat tal-istess attur fil-5 ta' Novembru 2018 biex jiddiskutu kif ser jipprocedu. Il-konvenuti talbu lill-attur sabiex itihom ftit aktar zmien u l-attur accetta li jtihom sa April 2019.

Kien ghalhekk illi quddiem l-Avukat iffirmaw skrittura bid-data tal-5 ta' Novembru 2018, [1]fejn l-attur f'ismu proprju u ghan-nom ta' martu l-attrici min-naha u l-konvenut f'ismu proprju u ghan-nom ta' martu l-konvenuta min-naha l-ohra iddikjaraw illi mill-ammont misluf lis-socjeta' konvenuta

[1] Fol. 24

bis-sahha ta' skrittura tat-8 ta' Lulju 2013 il-konvenuti konjugi Micallef "qeghdin jikkostitiwixu ruhhom veru, certi u likwidi debituri tal-komparenti Pullicino fl-ammont ta' hamsin elf Ewro (€50,000) apparti l-ispejjez tal-kawza u l-mandat." Ftehmu wkoll fuq din l-ahhar skittura illi: "... din is-somma ser tithallas sal-11 ta' April 2019. Il-partijiet iridu jiddiskutu jekk hemmx leok ghal xi imghaxijiet fuq din is-somma."

Ikkunsidrat;

In tema legali appena huwa mehtieg jigi sottoneat li hija gurisprudenza kostanti illi l-kontumacja ma hiex ammissjoni u li f'cirkostanzi fejn hemm il-kontumacja l-attur xort ghandu l-oneru li jressaq l-ahjar prova sabiex jissostanzja l-pretensjonijiet tieghu b'tali mod li jnissel dak il-konvinciment mehtieg f'min irid jiddeciedi illi l-pretensjonijiet huma fondati kemm fattwalment, kemm legalment.

Il-kawza odjerna titratta talba sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi somma li tigi likwidata permezz ta' dawn il-proceduri rapprezentanti self fuq l-iskrittura tat-8 ta' Lulju 2013 kif ukoll somma da liquidarsi rapprezentanti flus avvanzati mill-atturi lis-socjeta' konvenuta.

Jirrizulta sodisfacentement illi fil-mori tal-kawza il-partijiet iltaqghu fil-5 ta' Novembru 2018 u ftehmu bejniethom kemm kien l-ammont bilancjali dovut u ffirmaw skrittura quddiem l-Avukat tal-atturi li tghid illi s-somma dovuta kienet dik ta' €50,000 oltre l-ispejjez gudizzjarji.

In vista tal-iskrittura tal-5 ta' Novembru 2018 jirrizulta sodisfacentement illi l-ammont dovut mill-konvenuti lill-atturi hija s-somma ta' €50,000 oltre l-ispejjez.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuti lill-atturi fis-somma ta' hamsin elf ewro (€50,000);

2. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallasu lill-atturi s-somma hekk likwidata ta' €50,000.

Bl-ispejjez kif mitlub u bl-imghax legali millum sad-data tal-effettiv pagament.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**